MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2004

Numru. 334/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb)**

**vs**

**Lawrence Mangion**

**Illum 3 ta' Gunju, 2004.**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Lawrence Mangion** ta' 23 sena, bin Gerald u Josephine nee' Moore, mwieled Pieta nhar l-20 ta' April 1981, residenti f' St.Philip Building, flt 2. Triq il-Gudja, Luqa, detenur tal-Karta ta' l-Identita numru: 205581(M);

Billi inti akkuzat talli fis-06 ta' April 2004 u fil-granet ta' wara, f'Haz-Zebbug, fil-Gudja, u fi bnadi ohra ta' dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li

jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. ikkomettejt serq ta' Debit Card ghad-dannu ta' Alan Bonello, liema serq sar ghad-detriment tal-imsemmi Alan Bonello, u Bank of Valletta,

2. ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' crediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh ghad-detriment ta' Alan Bonello, tal-Bank of Valleta, Go Mobile u persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 308, u 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn il-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella illi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe ghamilt falsifikazzjoni tal-firma ta' Alan Bonello u ta' persuni ohra, u dan kollu ghad-dannu ta' l-istess Alan Bonello, Bank of Valletta, u Go Mobile, dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. u aktar talli xjentement ghamilt uzu mill-istess document/i iffalsifikat/i hawn fuq imsemmija u dan bi ksur tal-Artikoli 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. xjentament lqajt ghandek jew xrajt affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentament b'kull mod li tkun indhalt biex tmmexihom jew tbieghhom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap 9 ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fl-ewwel dehra. Stante li l-avukat generali ma tax il-kunsens tieghu ghat-trattazzjoni tal-kaz bil-procedura sommarja, il-Qorti pposponiet il-kumpilazzjoni biex l-imputat jikkontempla d-dekjarrazzjoni pposponiet il-kumpilazzjoni tieghu. Wara li accertat ruhha li l-imputat fehem l-akkuzi, l-imputat fil-presenza tal-avukat defensur tieghu ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Fuq ammissjoni ghalhekk isibu hati.

Wara li rat l-artikoli 261, 284, 285, 308, 309, 183, 184 u 334 tal-Kap 9.

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat fejn jirrizulta illi kien instab hati fl-1997 f'okkazzjoni wahda dwar diversi kontravenzjonijiet.

Tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' **tlettax (13) -il xahar** mil-lum, liema terminu ma jiddekkorix hlief jekk l-imputat jikkometti reat iehor …. bi prigunerija fi zmien 18 (tmintax) -il xahar mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-obbligi tieghu naxxerti minn din is-sentenza.

Tordna li l-atti jintbghatu lill-Avukat Generali fi zmien lit rid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------